# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-60 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 19 ta' Settembru 2023 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**60.01 Talba**

60.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**60.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

60.02.01 Is-S.E. infurmat li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Decelis ser jaslu ftit tard għal laqgħa, filwaqt li l-Kunsillier Dingli ser jitlaq kmieni mil-laqgħa, kollha minħabba impenji personali.

**60.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 59.**

60.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 59 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Sciberras ippropona u l-Kunsillier Dingli issekonda.

**60.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

60.04.01 Is-Sindku semmiet li kellha ssir laqgħa oħra rigward il-pavimentar tal-Pjazza tal-Knisja, però din tħassret għar-raġuni li l-*key expert* tal-kuntrattur li ħadem fil-pjazza kien indispost u għaldaqstant il-laqgħa ġiet posposta għal ġurnata oħra li għadha mhix magħrufa. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

60.04.02 Is-Sindku infurmat li rigward *tenders* ser inkunu qiegħdin naħdmu mas-Sur Adrian Mifsud, fejn diġà saret laqgħa introduttorja bejnu u bejn is-S.E. tal-Kunsill. Dan wara li għal raġunijiet personali, is-Sur Duncan Hall ma setax ikompli jagħtina s-servizz tiegħu f'dan ir-rigward. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

60.04.03 Is-Sindku rreferiet għal laqgħa li kellha mal-Ministru Miriam Dalli rigward Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn ser nirreferulha dak kollu li fadal bħala *issue*, fosthom is-siġar li jridu jiġu imħawwla mill-ġdid u r-*roundabout* ta' Pjazza

Ġublew tad-Djamanti; u dan propju issa li finalment, Ambjent Malta għandha fir-responsabiltà tagħha is-*soft areas* ta' din it-triq. Is-Sindku irrimarkat dwar il-kummenti negattivi li qed jingħadu fil-konfront ta' dan il-kunsill dwar l-istat preżenti tal-imsemmija *bypass*, u dan għaliex il-kawża ta' dan kollu jirrifletti fil-kuntratt li kien hemm qabel dan preżenti. Wara diskussjoni f'dan ir-rigward, il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

60.04.04 Is-Sindku tkellmet dwar it-tindif fir-raħal tagħna li qed isir fuq inizjattiva min-naħa tal-Gvern Ċentrali, fejn fosthom diġà beda l-knis u t-tindif ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Madanakollu, skond il-*Foreman* tal-*Cleansing Department*, l-Imqabba hija nadifa u m'hawnx wisq bżonn lanqas ta' ħafna tibdil ta' tabelli u sinjali tat-toroq. Il-Kunsillier Dingli rrimarka dwar it-trab li hemm fi Triq tas-Sejba u kompla billi qal li skond il-kuntrattur tal-Kunsill, din tista' titnaddaf minnu fuq 3 ijiem. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan kollu.

60.04.05 Is-Sindku rreferiet għall-fondi li jammontaw għal EUR1,500, li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba kkwalifika għalihom għal *World Clean Up Campaign*, fejn oriġinarjament dawn il-fondi kienu se jintużaw biex il-*Cleansing Department* indaddaf it-toroq kollha tar-raħal. Ġaladarba ir-raħal ser jitnaddaf kollu mill-istess *Cleansing Department* fuq l-inizjattiva tal-Gvern Ċentrali, id-Direttur Ġenerali tal-*Cleansing Department*, qabel mas-suġġeriment tas-Sindku biex il-fondi jintużaw billi issir tindifa ġenerali fi tlett toroq speċifiċi fil-lokal – Triq Valletta l-Qadima, Triq tas-Sejba u l-Isqaq tas-Serer. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma' dan.

60.04.06 Rigward Sqaq Buhar, is-Sindku infurmat li minkejja li jistgħu jiġu installati s-*CCTVs* fit-triq, min iwettaq ir-reat irid jinqabad fil-fatt u jrid ikun hemm xhieda biex il-pulizija tkun tista' tipproċedi fuq *illegal dumping*. Id-diskussjoni kompliet fejn fosthom il-Kunsillier Sciberras qal li la hemm ħjiel min għamel ir-reat, almenu dan għandu jiġi mgħajjat mill-pulizija. Is-Sindku kompliet, li skond is-Surġent tal-*Community Police* ma jistax isir hekk. Il-kumplament tal-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

60.04.07 Is-Sindku qalet li wara li Infrastruttura Malta kellha diffikultà sabiex issib kuntrattur li jista' jaħdem biċċa xogħol żgħira bħalma hi l-bankini ta' Triq Karmenu Ciantar, l-istess IM infurmatha li x-xogħol se jsir minn ċertu Ciappara. Sfortunatament, jista' jkun ix-xogħol skedat ser jaħbat maċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum ir-Raħal. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

60.04.08 Is-Sindku rreferiet għall-proposta tal-Kunsillier Dingli sabiex jiġi revedut id-diżinn tal-parkeġġ biswit is-*soft area* fi Triq M'Ang Sapiano, fejn jidher li nqala' xi diżgwit mir-residenti għaliex is-*soft area* jriduha tibqa' fejn hi preżenti. Wara diskussjoni f'dan ir-rigward, il-Kunsillier Dingli ppropona li dak li kien ġie propost jieqaf u l-Kunsilllier Sciberras issekkonda peress li l-Kunsill kien ser jidħol bejn il-ġirien.

60.04.09 Is-Sindku spjegat li skond il-ħaddiema tal-*Public Works,* l-ispralli tal-Pjazza tal-Knisja ma jistgħux jitnaddfu fi ftit ħin iżda jinħtieġ li jinfetħu b'kawtela biex ma ssirx ħsara. Apparti minn hekk, għal issa l-ispralli ma jistgħux jintmessu mill-

Kunsill peress li għadhom fir-responsabiltà tal-Ministeru. Minkejja dan, kien hemm qbil li jinxtara *impactor* biex l-ispralli jkunu jistgħu jinfetħu u jitnaddfu mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-futur.

60.04.10 Rigward l-iżvilupp fi Triq il-Ħajt tal-Matla, is-Sindku fakkret li d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li ma joġġezzjonax għar-raġuni li s-sit mhux f'ODZ. Lanqas in-nar tal-festi ma hu sere jiġi affettwat sknod is-Soċjetajiet Mużikali tar-raħal. Però ladarba ir-residenti riedu li l-Kunsill joġġezzjona minħabba li dan l-iżvilupp se jkun goff u se jkerraħ, is-Sindku ħasset li għandha tiġi reveduta d-deċiżjoni tal-Kunsill billi jressaq l-oġġezzjoni tiegħu u għalhekk tkellmitha mal-kumplament tal-membri tal-Kunsill. Hija enfasizzat sabiex dakinhar tas-smiegħ tas-seduta, il-Kunsill għandu jitla' fil-preżenza ta' avukat, fejn il-Kunsillier Sciberras kompli billi qal li għandu jitla' l-kunsill kollu għall-*hearing*.

Hawnhekk, is-Sindku ikkundannat l-għaġir tal-eks Sindku Noel Galea fejn f'kumment tiegħu fis-*social media* huwa qal li l-Kunsill preżenti huwa wieħed bla *leadership*. Is-Sindku irribattiet għal dan il-kumment billi qalet li hi qatt ma għamlet bħalma kien sar fi żmien meta hu kien Sindku fejn irreferiet għall-każ ta' *Schembri Barbros* u anke ikkwotat mis-sentenza tal-qorti, li hija poġġiet fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-membri preżenti.

***Il-Viċi Sindku ingħaqad mal-Kunsill fis-6:16 pm.***

60.04.11 Is-Sindku infurmat li nhar il-Ġimgħa 22 ta' Settembru 2023, ser ikollha laqgħa mal-*Animal Welfare* rigward *LC Care Scheme* li għaddiet fejn ser tipprova tirribattihom biex forsi l-Kunsill ma jkollux għalfejn jirrifondi lura l-fondi mitluba minħabba xi nuqqasijiet li ġew innutati waqt il-perjodu tal-iskema. Il-Viċi Sindku qal li huwa qatt ma kien preżenti waqt l-iffirmar tal-applikazzjoni u għaldaqstant huwa lest li jitkellem mal-Ministru fuq din il-problema propju nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2023 waqt il-laqgħa informattiva li ser ssir dwar l-*LC Care 2023*. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan kollu.

**60.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

60.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa dwar x'ser ikun qed isir eżatt min-naħa tal-Ministeru fir-rigward tat-tisbiħ tar-*roundabout* tal-Mentna u l-*Bypass*. Is-Sindku reġgħet tat spjega billi rrepetiet dak li kienet diġà semmiet fil-bidu tal-laqgħa, fejn ser naraw x'ser joffri li jagħmel il-Ministeru min-naħa tiegħu, fejn imbgħad il-Kunsill Lokali jrid jagħamel tajjeb hu għad-differenza.

60.05.02 Il-Viċi Sindku staqsa dwar ix-xogħol fuq il-bankini ta' Triq Karmenu Ciantar, fejn is-Sindku spjegatlu billi rrepetiet dak li kienet diġà semmiet fil-bidu tal-laqgħa. Hija kompliet billi infurmatu li x-xogħol ta' kisi mill-ġdid tat-triq fi Triq in-Nazzarenu ser isir minn IM.

60.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa meta ser isir ix-xogħol ta' kisi tat-triq fi Sqaq Buhar minn IM kif imwiegħed f'laqgħa bejn il-Kunsill u l-istess IM. Is-Sindku infurmatu li IM

ser twettaq ix-xogħol imsemmi, fil-futur qarib peress li Triq tas-Sejba ġiet tiswa ħafna iktar milli kien previst. Il-membri kollha ħadu nota ta' dan.

60.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa x'sar mill-funtana tal-Ġnien M'Ang Sapiano. Is-Sindku flimkien mas-S.E. taw spjega li l-pompa nxtrat mill-Kunsill filwaqt li Lawrence, il-ħaddiem tal-Kunsill, qed jikkordina mal-kuntrattur sabiex jinbeda x-xogħol fuq l-istruttura mill-aktar fis. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

60.05.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa x'sar mis-ssuġġeriment li kien sar biex tiġi nstallata mera tat-triq fi Triq Ħal Kirkop faċċata ta' Triq il-Familja Brancati. Fuq din kien hemm diskussjoni fejn l-aħjar li tiġi nstallata l-imsemmija mera u ġie deċiż li jiġi ċċekkjat x'intqal eżatt skond il-minuti tal-laqgħa fejn kienet ġiet ssuġġerita.

***Il-Kunsillier Decelis ingħaqad mal-Kunsill fis-6:37 pm.***

60.05.05 Il-Kunsillier Dingli reġa' staqsa dwar il-*Communal Reserved Bay* fi Triq is-Saljatura, fejn is-SE skużat ruħha li għad m'għandhix rispons fuqha.

60.05.06 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar il-problema tal-livelli f'parti minn Triq Mons Alfons Caruana. Is-Sindku qaltlu li ser terġa' tfakkar lill-Ministru Farrugia għaliex l-aħħar li kellmitu qalilha li ser jiddiskutiha Kabinett għar-raġuni li ħafna mix-xogħol ta' IM, appena jitlesta qed jispiċċa jaqa' fir-responsabiltà tal-*Public Works*. Il-membri ħadu nota ta' dan.

60.05.07 Il-Kunsillier Dingli informa li fi Triq il-Franka hemm mera tat-triq milquta. Is-SE ħadet nota tagħha sabiex tibgħat lill-ħaddiema tal-Kunsill biex isewwuha.

60.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar mit-talbiet għal dawl ġdid tat-triq kif ukoll mit-talbiet dwar il-manutenzjoni ta' diversi dawl tat-triq. Is-SE tat l-ispjega li hija tkellmet mal-kuntrattur fejn reġgħet fakkritu f'dan kollu però sfortunatament għal raġunijiet diversi min-naħa ta' Nexos, ix-xogħol għadu ma sarx. Is-Sindku kkuntattjat lill-kuntrattur waqt il-laqgħa fejn huwa kkonferma dwar ix-xogħol pendenti u li dalwaqt ser iwettaq l-imsemmi xogħol.

60.05.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar mill-ingaġġ tal-*Assistant Principal* mal-Kunsill Lokali. Is-SE tat spjega fejn kienet qed tistenna il-*go ahead* min-naħa tal-*HR* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll min-naħa ta' *Jobsplus*. L-applikanta li ġiet approvata ġiet infurmata li tista' tibda l-impjieg tagħha mal-Kunsill mill-ewwel ta' Ottubru 2023. Il-kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

60.05.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar mit-talba għal mera ġdida tat-triq fi Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Sqaq Buhar. Is-SE ħadet nota sabiex il-mera tiġi ordnata biex eventwalment din tiġi nstallata mill-ħaddiema tal-Kunsill.

60.05.11 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar it-talba li kien għamel sabiex issir tabella tat-triq *No Right Turn* fi Triq id-9 t'April 1942 kantuniera ma' Misraħ il-Fidwa. Is-SE infurmatu li għad m'għandix rispons fuqha u li ser terġa'tiċċekkja.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


60.05.12 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar il-*mini roundabout* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-Sindku qalet li ġiet approvata minn TM u li ser ikunu qed jgħinuna fiha min-naħa tal-*Public Works*. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

**60.06 Rapport Finanzjarju – it-Tieni Kwart April / Ġunju 2023**

Is-Sindku talbet lill-Kunsillieri preżenti sabiex jaraw bil-kwiet it-Tieni Kwart tar-Rapport Finanzjarju u f'każ li jkun hemm xi aġġustamenti dawn ikunu jistgħu isiru f'Lulju. Intant l-istess kwart ġie approvat b'mod unanimu mill-Kunsillieri preżenti.

**60.07 Attività Kulturali: "Stilel taħt il-Kampnar"**

60.07.01 Is-Sindku rreferiet għal-laqgħa li kellha mal-organizzatur Luke u ma' Pierre. Hija infurmat li l-*poster* tal-attività huwa lest filwaqt li urit l-istess poster lill-membri preżenti. Infurmat ukoll li nhar is-Sibt 23 ta' Settembru 2023 fil-11am se ssir konferenza fil-Pjazza fejn immedjatament wara se tinħareġ il-promozzjoni relatata ma' din l-attività, fuq programmi televiżivi u tar-radju, u fuq is-*social media*. Se ssir ukoll laqgħa mas-Soċjetajiet tal-Banda u mal-Każin tal-Futbol fejn ser jiġu offruti jarmaw bar. Is-Sindku semmiet lista tal-artisti li ser jipparteċipaw f'din l-attività fosthom il-Grupp Kantera, Joemike u Lydon, u oħrajn. Il-preżentatur għadu ma ġiex deċiż min se jkun filwaqt li l-Kappillan aċċetta li jiftaħ il-Kappelli waqt l-attività. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan kollu.

**60.08 Jum L-Imqabba 2023**

60.08.01 Rigward l-attivitajiet sportivi tas-Sibt filgħodu, il-Kunsillier Decelis qal li f'laqgħa li kellu flimkien mal-Kunsillier Sciberras, iffinalizzaw rigward ix-*shows* tal-pulizija bil-klieb u ż-żwiemel. Il-laqgħa li jmiss mal-*NGOs* se ssir nhar il-Ħamis 5 ta' Ottubru 2023 fis-7.30pm. Semma wkoll li nhar is-Sibt 23 ta' Settembru 2023 se ssir laqgħa ma' tal-*wheelchairs basketball* u qal li ser ikollna bżonn vann biex inġibu l-*wheelchairs* u l-*mini basketball board*. Il-poster tal-attività li qed isir minn Nicole u wara diskussjoni fuq dan, ġie deċiż li għandu jiġi eliminat il-kulur blu u jiġi iktar *targeted* għat-tfal. Il-Kunsillier Decelis semma wkoll li s-SE ser tkun qed taħdem fuq l-istimi u l-ordnijiet tat-*tokens*, medalji, uffiċjali tal-LESA u l-għeluq tat-toroq.

***Din il-parti ta' dan il-punt mill-Aġenda kompliet tiġi diskussa wara li telaq il-Kunsillier Dingli***

60.08.02 Is-Sindku semmiet il-*PopArts Exhibition* bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Punent, li se tinfetaħ is-Sibt qabel is-serata Ġieħ L-Imqabba. Semmiet ukoll li l-Familja tal-mibki l-eks Sindku s-Sur Nicholas Briffa huma kuntenti li s-serata ser tkun iddedikata biex isellem il-memorja tiegħu. Hija semmiet ukoll li rċevejna n-nomini ta' dawk li se jkunu parti mill-Bord Ġieħ l-Imqabba kif ukoll irċevejna 4 nominazzjonijiet għall-Għoti tal-Premju Ġieħ l-Imqabba. Is-Sindku kompliet semmiet lista ta' persuni li l-Kunsill għandu jirrikonoxxi fosthom lil Maria

Elizabeth Sciberras li rebħet ACCA *worldwide* fejn xieraq nagħtuha Onor Effiċjenza, flimkien ma' oħrajn. Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu dwar il-persuni kollha fl-imsemmija lista filwaqt li għandhom jiġu mistiedna bil-familjari tagħhom għal waqt is-serata. Għandhom jiġu mistiedna wkoll il-Familjari tas-Sur Nicky Briffa kif ukoll ta' dawk li ġew innominati għall-unur Ġieħ l-Imqabba. Kien hemm qbil ukoll biex is-SE taħdem fuq stimi rigward sound għal waqt l-attivitajiet tas-Sibt filgħodu.

60.08.03 Is-Sindku infurmat li għandna l-konferma tal-Kappillan għall-Quddies tal-Ħadd filwaqt li fakkret sabiex nikkonfermaw rigward il-fanfarra u biex tiġi ordnata l-kuruna tar-rand. Hijja semmiet ukoll li wara l-quddiesa, il-membri tal-Kunsill ser jagħmlu viżita lill-każini tar-raħal. Il-Kunsillier Sciberras kompla billi informa min ser ikun qed jesebixxi l-karozzi Mustang għandu jiġi fuq il-post biex jara ftit kif se jarma anke peress li jaf ser ikun għaddej ix-xogħol fuq il-bankini ta' Triq Karmenu Ciantar.

60.08.04 Is-Sindku infurmat li l-attività *"Healthy Eating"* mat-tfal tal-iskola ser issir it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023 filwaqt li fl-istess jum it-tfal ser ikollhom iċ-ċans li jaraw il-*Pop-Arts exhibition*. Dwar dan kollu ser ikollha laqgħa mas-Surmast tal-Iskola Primarja.

***Il-Kunsillier Dingli talab sabiex item 10 tal-Aġenda jiġi diskuss qabel item 9 għaliex ried jitlaq kmieni mil-laqgħa.***

**60.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

60.10.01 Il-Kunsillier Dingli ssuġġerixxa biex jerġgħu isiru ir-*road humps* li kien hemm fi Triq Karmenu Ciantar minħabba s-sewqan eċċessiv. Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu li għandhom jerġgħu isiru l-*humps*. Għaldaqstant ser jiġi ċċekkjat fejn kienu nstallati eżatt l-imsemmija *humps* biex jekk inbidlu r-residenzi biswithom, niċċirkulaw ittra f'dan ir-rigward qabel ma jiġu nstallati.

60.10.02 Il-Kunsillier Dingli ssuġerixxa biex il-Kunsill iqassam *pots* b'xejn biex ir-residenti jsebbħu l-isqaqien. Is-Sindku spjegat li din ma tistax issir minħabba ostaklu fit-triq. Il-membri qablu li ma jitqassmux l-imsemmija pots.

60.10.03 Il-Kunsillier Dingli semma lment li jmur lura għas-sena 2016 rigward mgħaqad ta' ilma quddiem residenza fi Sqaq fi Triq il-Langasa. Is-Sindku ċċarat eżatt dwar dan l-ilment filwaqt li infurmat li IM ser tkun qed twettaq xogħol ta' kisi mill-ġdid tal-imsemmi sqaq. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

60.10.04 Il-Kunsillier Dingli ssuġerixxa li ssir mera tat-triq fi Triq iż-Żurrieq kantuniera ma' Triq Familju Brancati, faċċata tat-triq bla isem li twassal għall-Qrendi. Dingli sssuġġerixxa wkoll li fit-triq bla isem, isiru *dog bins* u *dog signs* u anke *road hump*. Fuq dawn tal-aħħar kien hemm qbil li nieħdu parir mingħand TM

peress li propju minn nofs l-imsemmija triq, hemm il-konfini bejn il-Qrendi u l-Imqabba.

60.10.05 Il-Kunsillier Dingli ressaq il-proposta biex isiru l-*Parking Bays* fi Triq Santa Katerina. Wara diskussjoni f'dan ir-rigward, kien hemm qbil unanimu li l-*parking bays* proposti ma jsirux.

60.10.06 Il-Kunsillier Dingli wassal il-messaġġ li mhux qed jinħasel Sqaq Nru 2 fi Triq Santa Katerina. Is-SE ikkonfermat li l-isqaq qiegħed jinħasel għax hi stess tawtorizza l-ordni biex jiġi l-*bowser* tal-ilma sabiex jinħasel kemm dak l-isqaq kif ukoll Triq il-Fjuri u l-isqaqien kif kien hemm qbil li jsir minħabba l-ħmieġ tal-ħamiem.

***Il-Kunsillier Dingli ħalla l-laqgħa fit-19.47 minħabba impenji personali.***

60.10.07 Il-Viċi Sindku semma l-problema li hemm fi Sqaq Nru 1 fi Triq il-Parroċċa minħabba magħqad ta' ilma. Is-Sindku infurmat li mill-Istorm Water Unit ġejna infurmati li mhux ser jerġgħu jaqalgħu t-triq. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

60.10.08 Il-Viċi Sindku lmenta dwar il-periklu li hemm fil-Ġnien Onġi Onġella u jissuġġerixxi li dan għandu jingħalaq. Is-Sindku spjegat li hija ħadmet biex il-ġnien jiġi rinnovat u awtomatikament ser jitneħħa l-periklu. Fuq dan hemm proċess li jieħu fit-tul, u speċjalment issa li se jkollu jiġi modifikat id-diżinn tal-ġnien minħabba l-proposta li jsir bust fl-istess ġnien. Wara diskussjoni f'dan ir-rigward ittieħdet deċiżjoni li l-ġnien m'għandux jingħalaq.

60.10.09 Il-Kunsillier Decelis ilmenta dwar il-funtana tal-Ġnien M'Ang Sapiano. Is-Sindku reġgħet tat spjega billi rrepetiet dak li kienet diġà semmiet iktar kmieni f'din il-laqgħa.

60.10.10 Il-Kunsillier Decelis staqsa fhix wasal il-proġett tal-Ġnien tal-Mentna. Is-Sindku tat *update* dwar ix-xogħol li fadal isir u li se nkunu qed nistennew l-istimi ta' kuntratturi oħra peress li ħafna mix-xogħol li fadal ma jaqax fil-*period contract* tal-kuntrattur tal-Kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

60.10.11 Il-Kunsillier Sciberras ġibet l-attenzjoni dwar *litter bin* li kien hemm fi Triq iċ-Ċavi k.m Triq Santa Marija li m'għadux hemm u li x'aktarx tneħħa mill-ħaddiema tal-*Cleansing Department* biex jiġi mibdul minnhom. Kien hemm qbil li niċċekkjaw dwar dan.

60.10.12 Il-Kunsillier Sciberras xtaq jiċċara x'qed jiġri eżatt mir-rinfriskar tal-marki tat-traffiku tat-triq, speċjalment tal-"mustaċċi" għax jidher li l-linji qed jiġu miżbugħa bl-iswed x'aktarx min-nies u mhux mill-ħaddiema tal-kunsill. Is-Sindku flimkien mas-SE taw spjega li l-ħaddiema jiffriskaw fuq dak li jkun hemm u ma jżidux u ma jnaqqsux. Filwaqt li meta jagħmlu l-"mustaċċi" l-ewwel darba, dawn isiru tul ta' metru jew inqas mill-koxxa tal-garage konċernat. Il-membri ħadu nota ta' dan.

60.10.13 Il-Kunsillier Sciberras informa li fi Triq il-Ħajt tal-Matla hemm resident li għandu bżonn jagħmel xogħol fuq il-propjetà tiegħu fejn ser ikollu jaqla' l-bankina biex iwettaq ix-xogħol. Huwa lest li jerġa' jibni l-bankina għas-spejjeż tiegħu appena jlesti x-xogħol imsemmi. Ladarba l-bankina terġa' ssir skond l-istat oriġinali tagħha, kien hemm qbil mill-membri preżenti li dan jista' jsir.

60.10.14 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li l-bollard fi Triq il-Parroċċa (it-triq tan-nofs) tersaq iktar lejn il-*keep clear* fi Triq il-Parroċċa biex tipprevjeni milli jsir il-parkeġġ fuq il-Keep Clear fejn qed tiġi ostakolata t-triq isemmija. Wara diskussjoni mill-membri preżenti f'dan ir-rigward, kien hemm qbil li għandu jibqa' kollox kif inhu.

**60.09 Kuntratt – Tindif u Manutenzjoni ta' Parks, Ġonna u Soft Areas**

60.09.01 Is-Sindku tkellmet dwar in-numru ta' ilmenti li qed ikollna rigward is-servizz tal-kuntrattur tal-Kunsill li jieħu ħsieb it-Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna u *Soft Areas*. Fuq dan kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipproċedi biex jiġi tterminat dan il-kuntratt fejn is-SE ser tiċċekkja eżatt rigward il-Kundizzjonijiet Ġenerali u l-Garanzija Bankarja tal-istess kuntratt.

***Fuq proposta tas-Sindku u bi qbil bejn dawk preżenti, tressqet Mozzjoni b'Urġenza sabiex ġiet diskussa l-Korrispondenza qabel item11.***

**60.11 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

60.11.01 Korrispondenza mingħand Alexei tal-Perit Lewis fejn ħadem fuq stimi u kwotazzjonijiet rigward ix-xogħol li fadal xi jsir fil-Ġnien tal-Mentna. Ser inkunu qed nistennew l-istimi mingħand kuntratturi diversi sabiex ikun jista' jitkompla l-imsemmi xogħol mill-aktar fis. Il-membri ħadu nota ta' dan.

60.11.02 Korrispondenza mill-MEEE rigward iċ-*charging pillars* fejn ġejna infurmati li l-imsemmija *pillars* ma jistax ikollhom *parking bay* waħda għar-raġuni li dawn fihom żewġ *charging points.* Wara diskussjoni mill-membri preżenti, kien hemm qbil li għandna mmexxu fuq l-installazzjoni ta' dawk il-*pillars* li indikajna u li ser ikunu fuq bankina u mhux fit-triq sabiex b'hekk niffrankaw li nnaqqsu parti minn *bay* oħra biex tkun akkomodata l-*pillar* ukoll.

60.11.03 Korrispondenza mingħand Leon Promotions rigward is-servizzi tiegħu waqt il-Festi tal-Milied. Il-membri preżenti qablu li għandna nerġgħu nieħdu s-servizz tiegħu permezz tal-Islitta u fuq din kien hemm qbil ukoll li għandna norganizzawha nhar il-21 ta' Diċembru 2023.

60.11.04 Korrispondenza mill-*Cleansing Department* fejn ġiet reveduta l-istima għax-xogħol ta' tindif li ser isir permezz tal-fondi li ingħatajna għall-*World Clean Up Campaign.* Il-membri ħadu nota ta' dan.

60.11.05 Korrispondenza mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju fejn ġie mitlub li nżommu l-latrina pubblika miftuħa sa iktar tard mis-soltu, waqt l-attività organizzata minnhom ta' nhar it-30 ta' Settembru 2023 f'Misraħ il-Fidwa. Fuq dan kien hemm qbil mill-Kunsillieri preżenti.

60.11.06 Korrispondenza mingħand resident li għandu għalqa fi Triq tas-Sejba fejn qed jitlob li jsiru l-marki tat-triq fl-imsemmija triq sabiex jonqos il-periklu. Wara diskussjoni fuq dan, kien hemm qbil li ser nitolbu l-istimi sabiex isir dan ix-xogħol.

60.11.07 Korrispondenza mingħand il-Kunsillier Decelis fejn ippropona li jsiru *stickers* mal-*iBins* li għandna fir-raħal li juru x'wieħed jista' jarmi eżatt fl-istess bins. Kien hemm qbil li għandna niċċekkjaw mal-kumpanija *Greenpak* sabiex tipprovdi dawn l-*istickers*.

60.11.08 Korrispondenza mingħand resident fi Triq iċ-Ċavi minħabba problema ta' magħqad ta' ilma quddiem ir-residenza tiegħu. Wara diskussjoni fuq din, kien hemm qbil li nwieġbuh li ser nieħdu nota ta' din it-triq sabiex nipproponuha fil-lista ta' toroq biex isiru fl-iskema li jmiss, li ssir kull tlett snin minn IM.

60.11.09 Ilment minn resident fuq il-FB Page tal-Kunsill fejn ġibed l-attenzjoni dwar Triq il-Familja Brancati li minkejja li din m'ilhix wisq li ingħatat it-tarmac, it-triq qiegħda tinżel. Wara diskussjoni f'dan ir-rigward ġie deċiż li ser ninfurmaw bil-miktub lill-Infrastruttra Malta.

60.11.10 Korrispondenza mis-Segretarjat tal-Gvern Lokali dwar ilment li rċevew rigward problema ta' parkeġġ li qed jimblokka l-isqaq minħabba xi linji tat-triq. Wara diskussjoni f'dan ir-rigward, kien hemm qbil li mhux ser jintmessu l-ebda linji għar-raġuni li fil-passat il-Kunsill anke spiċċa kellu jitla' l-Qorti fuq l-imsemmija linji u l-każ huwa wieħed magħluq. Il-membri ħadu nota ta' dan.

60.11.11 Korrispondenza mis-Segretarjat tal-Gvern Lokali dwar suġġeriment biex isiru xi bins fi Triq il-Familja Brancati minħabba l-ħmieġ. Wara diskussjoni fuq dan il-każ, kien hemm qbil li nibatgħu nistaqsu għal liema tip ta' bins qed tirreferi, jekk hux litter bins normali jew inkella dog litter bins.

60.11.12 Korrispondenza mis-Segretarjat tal-Gvern Lokali dwar suġġeriment biex fi Triq Valletta l-Qadima jiġu nstallati mera tat-triq u żewġ *road humps*. Wara diskussjoni fuq dan il-każ, kien hemm qbil li nibatgħu nitolbu sabiex jindikawilna s-siti eżatti fejn qed jitolbu li jsiru l-mera u l-*humps*.

60.11.13 Korrispondenza mingħand TimeCare Ltd. dwar id-diaries għas-sena 2024. Fuq din kien hemm qbil li bħas-snin preċedenti jiġu ordnati d-djarji għall-Kunsillieri.

**60.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/60**

60.12.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/60 ġiet approvata unanimament.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

**60.13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

60.13.01 Il-laqgħa ntemmet fl-9:50 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2023 fil-5:30 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |